B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Marsaxlokk Breakwater Head, iteptep aħmar kull 3 sekondi (Fl.R.3s), fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitudni (T) Longitudni (L)

35º 49'.080 014º 32'.970

Huwa MITFI

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jinnavigaw b'kawtela.

Pożizzjoni f'WGS 84 Datum.

Charts affettwati: BA Chart 36, 2538, 194

Il-31 ta' Mejju, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 25 of 2022

Marsaxlokk Breakwater Head – UNLIT

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Marsaxlokk Breakwater Head, flashing red every 3 seconds (Fl.R.3s), in the following position:

Latitude (N) Longitude (E)

35º 49'.080 014º 32'.970

Is UNLIT

Mariners are to note the above and navigate with great caution.

Position in WGS 84 Datum.

Charts affected: BA Chart 36, 2538, 194

31st May, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami li Jikkwalifika għall-Post ta' Security Guard fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – April 2022

Eżami tal-Kitba

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-eżami msemmi ġie ppubblikat u wieħed jista' jmur jarah il-Customer Care, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bin-numru tat-telefown 2598 2958, jew b'ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

Il-31 ta' Mejju, 2022

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Qualifying Examination for the Post of Security Guards in the Malta Public Service – April 2022

Written Examination

The Director of Examinations notifies that the result of the above-mentioned examination has been published and may be seen at the Customer Care, Ministry for Education, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

Those applicants who have not received their results are advised to contact immediately the Department of Examinations on telephone number 2598 2958, or by email to (myexams@gov.mt).

31st May, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Ġunju, 2022, mid-9.30 a.m. sal-4.00 p.m., Triq San

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Wednesday, 1st June, 2022, from 9.30 a.m. till 4.00 p.m., Triq

Nikola se tkun magħluqa għat-traffiku kollu. Ħadd ma jista' jipparka vetturi f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijet.

Il-31 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2022 sal-Ħamis. 30 ta' Ġunju, 2022, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., Triq il-Ġnien se tkun magħluqa għat-traffiku kollu. Ħadd ma jista' jipparka vetturi f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijet.

Il-31 ta' Mejju, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022.

Avviż Nru. 52. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' Ħanut Nru.1,Triq iċ-Ċawsli, fiċ-Ċentru Ċiviku, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala 'Shop 1' fuq il-pjanta P.D.53_2004_1_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,100 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u seba' mitt ewro (€4,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 53. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' Ħanut f'Nru.2, Blokk 'E', Qasam tad-Djar Tal-Ħawli, Il-Birgu, kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala 'Shop No.2' fuq il-pjanta P.D.78_80_19_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €8,385 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin ewro (€2,795) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 54. Bejgħ tale quale fl-istat li jinsabu fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija ta' Sit u Strutturi fi Triq il-Mejjilla b'entratura oħra minn Nru. 9, Sqaq Nru. 4, Triq il-Kbira, Ħal Qormi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2011_120_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-

San Nikola will be closed for all traffic. Parking of vehicles is not allowed on this day during these times.

31st May, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Tuesday, 31st May, 2022 till Thursday, 30th June, 2022, from 9.30 a.m. till 5.00 p.m., Triq il-Ġnien will be closed to all traffic. Parking of vehicles is not allowed on this day during these times.

31st May, 2022

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 9th June, 2022.

Advt No. 52. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a Shop at No. 1, Triq iċ-Ċawsli, Civic Centre, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red and marked as 'Shop 1' on the plan P.D.53_2004_1_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €14,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and seven hundred euro (€4,700) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 53. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a Shop at No. 2, at Block 'E', Tal-Ħawli Housing Estate, Birgu, as shown edged in red and marked as 'Shop No. 2' on the plan P.D.78_80_19_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €8,385 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and seven hundred and ninety-five euro (€2,795) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 54. Sale tale quale in its present state including any latent defects of a Site and Structures at Triq il-Mejjilla with another entrance from No. 9, Sqaq No. 4, Triq il-Kbira, Ħal Qormi, as shown edged in red on the plan P.D.2011_120_A. Tenders are to be accompanied by a bid-

ammont ta' €28,160 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' miljun u tmint elef ewro (€1,008,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 55 Bejgħ tale quale fl-istat li jinsab fih inklużi d-difetti li jista' jkun hemm moħbija tal-Fond f'Nru. 212, Triq ix-Xatt, Il-Gżira, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.37_84_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €17,600 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disa' mija u tmenin elf ewro (€980,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 51 qed jiġi rtirat b'effett immedjat minħabba mandat ta' injibizzjoni li ġie mressaq fit-23 ta' Mejju, 2022.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 16 ta' Ġunju, 2022.

Avviż Nru. 56 Bejgħ tale quale ta' sit fi Triq il-Birwina, Il-Mellieħa kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2018_0092. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,430 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta'erbatax-il elf u tliet mija ewro (€14,300) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 57 Bejgħ tale quale ta' Sit fi Triq San Leonardu, Ir-Rabat, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0067. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €13,376 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mitejn u tmienja u sittin elf u tmien mija u tlieta ewro (€268,803) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 58 Kirja għal perjodu ta' ħmistax (15)-il sena għal skop ta' ġnien ta' sit 'B' li se jiġi mikri tale quale fuq in-naħa ta' wara ta' Blokk Nru. 8, Pjazza tal-Ġnien, Qasam tad-Djar, Ħal Qormi, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.152_83_20_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,012

bond for the amount of €28,160 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one million and eight thousand euro (€1,008,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 55. Sale tale quale in its present state including any latent defects of the Premises at No. 212 Triq ix-Xatt, Gżira, as shown edged in red on the plan P.D. 37_84_2. Tenders are to be are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €17,600 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine hundred and eighty thousand euro (€980,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advert No. 51 has been withdrawn with immediate effect due to a prohibitory injunction filed on 23rd May, 2022.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 16th June, 2022, for:

Advt No. 56. Sale tale quale of a site in Triq il-Birwina, Mellieħa as shown edged in red on the plan P.D.2018_0092. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €1,430 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fourteen thousand and three hundred euro (€14,300) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 57. Sale tale quale of a Site at Triq San Leonardu, Rabat, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D. 2021_0067. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €13,376 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two hundred and sixty-eight thousand and eight hundred and three euro (€268,803) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 58. L/1304/1960 Lease for a period of fifteen (15) years for gardening purposes of a site 'B' which will be leased as tale quale at the back of Block No. 8, Pjazza tal-Gnien, Housing Estate, Ħal Qormi, as shown edged in red and marked letter 'B' on the plan P.D.152_83_20_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,012 as

hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u erbgħa ewro (€2,004) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 59 Bejgħ tale quale ta' żewġ (2) siti 'A' u 'B' fil-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa kif muri bl-aħmar u mmarkati 'A' u 'B' rispettivament u bid-dettalji kollha fuq il-pjanta P.D.2020_0456. Sit 'A' jikkonsisti minn tliet kolonni ta' wieħed punt deċimali ħamsa (1.5 m2) metri kwadri kull waħda sal-għoli ta' tnejn punt deċimali sebgħa ħamsa (2.75m) metri u sit 'B' jikkonsisti minn area ta' dsatax (19m2) metru kwadru mill-ewwel (1) livell 'il fuq hekk kif muri fuq l-istess pjanta P.D. 2020_0456. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €11,100 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€155,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Il-31 ta' Mejju, 2022

KUNSILL TAL-ELT

Espressjoni ta' Interess

Il-Kunsill tal-ELT qed jistieden lil individwi bi kwalifiki xierqa biex jiffurmaw parti mill-Kumitat tal-Għażla tal-Premju tan-9th Inspiring ELT Professional Award 2022 u t-3rd ELT Career Service Award.

Dan il-kumitat se jkun ippresedut minn Dott. Odette Vassallo, membru tal-Kunsill tal-ELT, u l-għan ta' dan il-kumitat se jkun li:

jassessja lil dawk nominati;

jagħżel ir-rebbieħ tal-premju;

jiġbor informazzjoni addizzjonali skont kif ikun mitlub mill-Kunsill tal-ELT b'rabta mal-premjijiet.

stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and four euro (€2,004) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 59. Sale tale quale of two sites 'A' and 'B' at Il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa as shown edged in red and marked 'A' and 'B' respectively and in full detail on the plan P.D.2020_0456. Site 'A' consists of three columns at one decimal point five (1.5m2) square metres each up to the height of two decimal point seven five (2.75m) metres and Site 'B' consists of an area of nineteen (19m2) square metres from level one (1) upwards as shown on the same plan P.D.2020_0456. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and fifty-five thousand euro (€155,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

31st May, 2022

ELT COUNCIL

Expression of Interest

The ELT Council is inviting suitably qualified individuals to submit an Expression of Interest to form part of the Award Selection Committee for the 9th Inspiring ELT Professional Award 2022 and the 3rd ELT Career Service Award.

Dr Odette Vassallo, ELT Council Member, will chair the Award Selection Committee, which will have the purpose to:

review the nominees;

select the award winner;

collect additional information as required by the ELT Council in relation to the awards.

Termini ta' Referenza

Għan għall-Kumitat tal-Għażla

Kif indikat hawn fuq.

Laqgħat

Se jiġu organizzati sa massimu ta' tliet laqgħat vitrwali, filwaqt li l-kumplament tax-xogħol se jsir permezz ta' korrispondenza b'ittri elettroniċi. L-istima ta' ħin allokat għal dan il-proċess kollu hija 6 sigħat għal kull membru.

Ħlas

Kull membru fil-kumitat se jitħallas €100 meta jitlesta l-proċess.

Perjodu

Minn Ġunju sa' Ottubru 2022

Applikanti li għandhom kwalifika ta' Livell 7 fl-ELT/TESOL, mill-inqas 1500 siegħa ta' esperjenza fit-tagħlim/taħriġ fis-settur tal-ELT, u jixtiequ jesprimu l-interess tagħhom, għandhom jibgħatu ittra elettronika lil (info.eltcouncil@gov.mt) sa nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022.

Il-31 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement u Provvisti), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 21 ta' Ġunju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-0628/22. 'Disp, single use, neutral dispersive electrodes'

CFT 009-0629/22. 'IP 65 rated LED light panels'

CFT 020-0630/22. 'Hydrophobic swabs with DACC coating 7cm x 9cm'

CFT 020-0631/22. 'Neonatal heat loss prevention suits'

CFT 020-0632/2. 'Nail nippers'

CFT 009-0633/22. Provvista ta' 'four wall mounted jew free standing linen warmers'

CFT 020-0634/22. 'Phaco handpieces'

CFT 009-0635/22. Provvista ta' freezers b'impatt ambjentali ridott għall-vaċċini tal-Covid

CFT 020-0636/22. 'Incinerator cartons'

CFT 020-0637/22. 'Bandages wadding'

CFT 021-0638/22. 'Isoprenaline 200mcg per ml injections'

CFT 020-0639/22. 'Miscellaneous disposables'

Terms of Reference

Purpose and objectives of the Selection Committee

As indicated above.

Meetings

A maximum of three meetings will be held, online, while other work will be done via email correspondence. Estimated time to be allocated for the entire procedure is 6 hours per member.

Remuneration

A payment of €100 will be paid to each committee member upon completion of the process.

Duration

June-October 2022

Applicants having Level 7 qualification in ELT/TESOL, at least 1500 hours of teaching/training experience in the ELT sector, and would like to express their interest, are to send an email to (info.eltcouncil@gov.mt) by Monday, 13th June, 2022.

31st May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. on Tuesday, 21st June, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-0628/22. Disp, single use, neutral dispersive electrodes

CFT 009-0629/22. IP 65 rated LED light panels

CFT 020-0630/22. Hydrophobic Swabs with DACC coating 7cm x 9cm

CFT 020-0631/22. Neonatal heat loss prevention suits

CFT 020-0632/2. Nail nippers

CFT 009-0633/22. Provision of four wall Mounted or free standing linen warmers

CFT 020-0634/22. Phaco handpieces

CFT 009-0635/22. Provision of freezers with reduced environmental impact for Covid vaccines

CFT 020-0636/22. Incinerator cartons

CFT 020-0637/22. Bandages wadding

CFT 021-0638/22. Isoprenaline 200mcg per ml injections

CFT 020-0639/22. Miscellaneous disposables

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-31 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 3005U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-31 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 3105U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 6 ta' Ġunju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-31 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0106U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

31st May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 3005U22 will be received up to noon on Friday, 3rd June, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

31st May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 3105U22 will be received up to noon on Monday, 6th June, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

31st May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0106U22 will be received up to noon on Wednesday, 8th June, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-31 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0206U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 9 ta' Ġunju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-31 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0306U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-31 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI L-IMTARFA

Il-Kunsill Lokali l-Imtarfa jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Imtarfa permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2022, għal:

Avviż Nru. MTFLC/T/002/2022. Provvediment u installazzjoni ta' servizzi mekkaniċi u elettriċi (M-E) fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi (Ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

31st May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0206U22 will be received up to noon on Wednesday, 9th June, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

31st May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0306U22 will be received up to noon on Friday, 10th June, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

31st May, 2022

MTARFA LOCAL COUNCIL

The Mtarfa Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Mtarfa Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Monday, 20th June, 2022, for:

Advt No. MTFLC/T/002/2022. Supply and installation of mechanical and electrical (M-E) services at the Mtarfa Visitors Centre (re-issue).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-31 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2022, permezz tal-ePPS jirċievi offerti, għal:

Avviż. Nru. MLC 4/2022. Xogħlijiet ta' tiswija u manutenzjoni fil-'multi-purpose court' li jifforma parti mill-Park tal-Familja, Triq Ġużè Flores, Il-Mellieħa.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

Il-31 ta' Mejju 2022

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

31st May, 2022

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to noon (Central European Time) on Monday, 20th June, 2022, for:

Advert No. MLC 4/2022. Repair and maintenance works on the multi-purpose court, forming part of the Mellieħa Family Park, Triq Ġużè Flores, Mellieħa.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

31st May, 2022

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

911

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Marzu, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Pauline Mercieca vs Joseph Borg, Rikors numru 22/2022AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Pauline Mercieca vs Joseph Borg, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-13 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrenti Pauline Mercieca talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma

By means of a decree of the 22nd March, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Pauline Mercieca vs Joseph Borg, Application number 22/2022AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a sworn application in the names Pauline Mercieca vs Joseph Borg, filed in the Civil Court (Family Section), on the 13th January, 2022, the applicant Pauline Mercieca requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the dissolution of the marriage between the parties in terms of Article 66B of Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Orders the Registrar of Courts so that within the period stipulated by this Honourable Court informs the Director

lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex huwa jirreġistra l-istess.

U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rikorrenti: Pauline Mercieca, 9, Rosa Mistika, Triq iż-Żebbuġa, Il-Gudja

Notifika: Joseph Borg, 199, Gawhra tar-Rużarju, Triq il-Lewż, Il-Gudja

Ir-rikors fl-ismijiet Pauline Mercieca vs Joseph Borg, Rikors numru 22/2022AL jinsab differit għall-1 ta' Ġunju, 2022, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Public Registry with the dissolution of the marriage of the parties so that it is registered.

Gives any further directions that this Honourable Court deems fit and opportun.

Applicant: Pauline Mercieca, 9, Rosa Mistika, Triq iż-Żebbuġa, Gudja

Notification: Joseph Borg, 100 Gawhra tar-Rużarju, Triq il-Lewż, Gudja

The Application in the names Pauline Mercieca vs Joseph Borg, Application number 22/2022AL has been postponed for hearing to the 1st June, 2022, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

912

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' April, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 57/2022 JVC, li ġie ppreżentat fil-25 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet Visa Investments Ltd vs Paolucci Marino Egisto, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: In difett li l-intimat jagħmel dan fiż-żmien lilu mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, is-soċjetà rikorrenti attriġi tiġi awtorizzata li tidħol fl-imsemmija arja proprjetà, fil-pussess u detenzjoni tagħha u tieħu pussess tal-istess arja filwaqt li tirripristina s-sitwazzjoni għal dik prevalenti qabel ma seħħ l-att spoljattiv u klandestini mill-intimat billi tneħħi l-istruttura li l-intimat bena u dan okkorrendo taħt is-superviżjoni ta' persuna mqabbda minn din l-Onorabbli Qorti a spejjeż u riskju tal-intimat, kollox skont kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi u dan ai termini tal-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti fis-soċjetà rikorrenti attriċi. Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' Ġunju, 2022, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Paolucci Marino Egisto, Flat 8, 18, Xatt Ta' Tigné, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 25 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Hall, on 12th April, 2022, in the acts of the Sworn Application number 57/2022 JVC, which was filed on 25th January, 2022, in the names Visa Investments Ltd vs Paolucci Marino Egisto, the following publication has been ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice to respondents. The applicant claims that the Court should, inter alia: Failing the respondent to do so within the time allotted to him by this Honorable Court, the plaintiff company is authorised to enter the said proprietary air, in its possession and detention and to take possession of the same air while restoring the situation for that prevailing before the plunder and clandestine act by the respondent took place by removing the structure that the respondent built and this occurred under the supervision of a person engaged by this Honorable Court at the expense and risk of respondent, all in accordance with the foregoing and for the reasons set out above in accordance with Article 791 of the Code of Organisation and Civil Procedure, Cap. 12 of the Laws of Malta. With costs against the respondents who will henceforth remain subject to his submission and subject to any other action due in the plaintiff company. The Sworn Application in the above names is adjourned until the 22nd of June, 2022, at 9.10 a.m.

Notification Notice: Paolucci Marino Egisto, Flat 8, 18, Xatt ta' Tigné, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today, 25th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

913

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' April, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 496/2020TA, li ġie ppreżentat fil-14 ta' Ottubru, 2020, fl-ismijiet David Vella (Trading) Ltd vs Popular Marketing Ltd u Thomas Diacono ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tletin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu. (€34,430.87ċ). Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax dekoribbli skont il-liġi kontra s-soċjetà intimata li r-rappreżentati u uffiċjali tagħha huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Ġunju, 2022, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Popular Marketing Ltd, c/o Nicholas Diacono, u Thomas Diacno, 53, Il-Bitħa, Triq Ġ. Curmi, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Hall, on 6th April, 2022, in the acts of the Sworn Application number 496/2020TA, which was filed on 14th October, 2020, in the names David Vella (Trading) Ltd. vs Popular Marketing Ltd. And Thomas Diacono has been ordered the following publication, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondents. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the respondents to pay the applicant company the sum of thirty-four thousand, four hundred and thirty euros and eighty-seven cents. (€34,430.87c). With costs including those of the attachment warrant filed at the same time and with the interest according to the law against the respondent company whose representatives and officers are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the above names is adjourned 17th June, 2022, at 9.30a.m.

Notification Notice: Popular Marketing Ltd, c/o Nicholas Diacono, and Thomas Diacono, 53, Il-Bitħa, Triq Ġ. Curmi, Iklin

Registry of the Superior Courts, today 24th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

914

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Giovanna Testa et vs Gaetano Grima, Rikors numru 778/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gaetano Grima a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Giovanna Testa (KI 557123M), Stephen Testa (KI 84762M), Raymond Testa (KI 908551M), Frederick Testa (KI 856854M) u Joseph Testa (KI 50661M) vs Gaetano Grima ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-26 ta' Ottubru 2021, ir-rikorrenti Giovanna Testa et talbu bir-rispett sabiex dan il-Bord:

1. Jgħaddi biex jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skont kif maħsub fl-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna u jiddeċiedi illi in vista tal-fatti hawn fuq imsemmija, l-intimat ma għandux dritt illi jkompli l-kirja u jordna għar-raġunijiet fuq premessi, lill-intimat sabiex

By means of a decree of the 16th December, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Giovanna Testa et vs Gaetano Grima, Application number 778/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gaetano Grima in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Giovanna Testa (ID 557123M), Stephen Testa (ID 84762M), Raymond Testa (ID 908551M), Frederick Testa (ID 856854M) and Joseph Testa (ID 50661M) vs Gaetano Grima filed before the Rent Regulation Board on the 26th October 2021, the applicant Giovanna Testa et requested with respect that this Honourable Board:

1. Decide this case without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Order and decide that in view of the facts above mentioned, the respondent has no right to continue the lease and order for the reasons above mentioned the respondent

jiżgombra u jivvaka mill-fond Flat 2, Mayfair Flats, Triq Birkirkara, San Ġiljan, u jipprefiġġi żmien qasir u perentorju li fih l-intimat għandu jizgombra mill-istess fond, ineħħi dak kollu li huwa ħwejjgu u jagħti lura l-pussess battal u sħiħ tal-istess fond lir-rikorrenti fl-istess stat tajjeb illi kien mgħoddi lilhom u jawtorizza għaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jieħu lura l-pussess ta' dan il-fond;

to evict and vacate from the premises Flat 2, Mayfair Flats, Triq Birkirkara, St Julian's, and fix a short and peremptory time in which the respondent must vacate from the same premises, removes all his belongings and return the vacant and full possession of the premises to the applicants in the same state it should have been handed over to them and it should therefore authorise the applicants to regain possession of the premises;

3. Jordna lill-intimati jħallsu l-kontijiet pendenti kollha tad-dawl u ilma relattivi għall-proprjetà suriferita u dan sad-data tal-ivakkar effettiv;

3. Order the respondent to pay all outstanding electricity and water bills relating to the property above mentioned and this till the date of the effective eviction;

4. Jillikwida dik is-somma dovuta skont dak mifthiem fl-iskrittura tat-18 ta' Ġunju, 2019, u jikkundanna lill-intimat iħallas dik is-somma hekk likwidata lill-esponenti;

4. Liquidate that amount due in accordance with what was agreed in the agreement dated 18th June, 2019, and condemns the respondent to pay that amount as liquidated to the applicants;

5. Jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti ħtija tal-intimat u jordna lill-intimat jħallas din is-somma lill-esponenti hekk likwidata.

5. Liquidate the damages suffered by the applicants throught the fault of the respondent and order the respondent to pay this sum to the applicants as liquidated.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

notifika: Gaetano Grima, Flat 2, Mayfair Flats, Triq Birkirkara, San Ġiljan
c/o Av. Joseph Mizzi, il-Qorti, Il-Belt Valletta, Malta

Notification – Gaetano Grima - Flat 2, Mayfair Flats, Triq Birkirkara, St Julian's
c/o Advocate Joseph Mizzi, Law Courts, Valletta, Malta

Ir-rikors fl-ismijiet Giovanna Testa et vs Gaetano Grima, Rikors numru 778/2021LC, jinsab differit għat-3 ta' Ġunju, 2022 fl-10.25 a.m.

The application in the names Giovanna Testa et vs Gaetano Grima, Application number 778/2021LC, has been postponed for hearing to the 3rd June, 2022, at 10.25 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Mejju, 2022

Registry of the Superior Courts, today 27th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

915

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Sharon Fenech vs Filomena sive Phyllis Camilleri et, Rikors numru 6/2022NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Filomena sive Phyllis Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 18th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Sharon Fenech vs Filomena sive Phyllis Camilleri et, Application number 6/2022NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Filomena sive Phyllis Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Sharon Fenech (KI 0226103L) vs Filomena sive Phyllis Camilleri (KI 15236M) u l-Awtorità tad-Djar bħala intervenuta fil-kawża ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-4 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrenti Sharon Fenech talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

By means of an application in the names Sharon Fenech (ID 0226103L) vs Filomena sive Phyllis Camilleri (ID 15236M) and Housing Authority as intervened in the proceedings filed before the Rent Regulation Board, on the 4th January, 2022, the applicant Sharon Fenech requested this Honourable Board to:

1. Jordna l-ħlas ta' żieda fl-ammont ta' kera pagabbli mill-intimata għall-fond 123, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta, waqt il-pendenza ta' dan ir-rikors, u dan ai termini tal-Artikolu 4A(6) tal-Kap. 69;

2. Jordna li jsir test tal-mezzi tad-dħul u tal-kapital tal-intimata u dan ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69;

3. F'każ li l-intimata ma tissodisfax it-test tal-mezzi, jordna lill-intimata tivvaka mill-fond 123, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta, entro sentejn mid-data ta' dan ir-rikors jew data verjuri, u jiffissa reviżjoni tal-kera pagabbli mill-intimata u dan skont l-Artikolu4A(4) tal-Kap. 69;

4. F'każ li l-intimata tissodisfa t-test tal-mezzi, jordna reviżjonit al-kera u jiffissa dawk il-kundizzjonijiet ġodda skont l-Artikolu4A(2), u dan prevja li jiġu appuntati membri tekniċi, liema kera kif awmentata għandha tiżdied skont il-provvedimenti tal-Artikolu 4A(7).

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali. B'riżerva u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti, inklużi dawk ta' natura kostituzzjonali, kif ukoll b'riżerva għad-drittijiet kollha tagħha fil-konfront tal-intimata inkluż għal kwalunkwe ksur tal-kundizzjoni tal-kera.

Rikorrenti: Sharon Fenech, 154, Bohemia Apartments, Flat 3, Vjal Independenza, Il-Mosta

Intimata: Filomena sive Phyllis Camilleri, 123, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Sharon Fenech vs Filomena sive Phyllis Camilleri et, Rikors numru 6/2022NB, jinsab differit għat-3 ta' Ġunju, 2022, fil-11.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Order the payment of an increase in the amount of rent payable by the respondent on the premises 123, Saint Christopher Street, Valletta, pending these proceedings in accordance with Article 4A(6) of Cap. 69.

2. Order that the respondent's means of income and capital be tested in accordance with Article 4A of Cap. 69;

3. In the event that the respondent fails to comply with the means test, order the respondent to vacate from the premises 123, Saint Christopher Street, Valletta, within two years from the date of this application or the date thereof, and fixes a review of the rent payable by the respondent in accordance with Article 4A(4) of Cap. 69;

4. In the event that the respondent satisfies the means test, orders a revision of the rent and establishes those new conditions in accordance with Article 4A(2) and this subject to the appointment of technical members which rent as increased, shall be increased in accordance with the provisions of Article 4A(7).

With costs and legal interest. Subject to and without prejudice to all rights due to the applicant including those of a constitutional nature, as well as subject to all its rights against the respondent including for any breach of the lease conditions.

Applicant: Sharon Fenech, 154, Bohemia Apartments, Flat 3, Vjal Independenza, Mosta

Respondent: Filomena sive Phyllis Camilleri, 123, Saint Chrisopher Street, Valletta
Housing Authority

The application in the names Sharon Fenech vs Filomena sive Phyllis Camilleri, Application number 6/2022NB, has been postponed for hearing to the 3rd June, 2022, at 11.40 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

916

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mary Pulo et vs Anthony Debono et, Rikors numru 104/2022LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Anthony Debono u Grace Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 17th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mary Pulo et vs Anthony Debono et, Application number 104/2022LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Anthony Debono and Grace Debono in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Pulo (KI 0628250M), Spiridione Pulo (KI 667551M) u Joseph Pulo (KI 386149M) vs Anthony Debono (KI 451156M), Grace Debono (KI 707658M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-3 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti Mary Pulo (KI 0628250M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

